

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2015 – Abertis Telecom u Retevisión I vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-541/13) <sup>(1)</sup>

[“*Għajjnuna mill-Istat — Televiżjoni diġitali — Għajjnuna għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f’żoni remoti u inqas urbanizzati fi Spanja — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern — Vantaġġ — Servizz ta’ importanza ekonomika ġenerali — Artikolu 107(3)(ċ) TFUE — Għajjnuna ġdida — Obbligu ta’ motivazzjoni*”]

(2016/C 027/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Abertis Telecom, SA (Barcelona, Spanja) u Retevisión I, SA (Barcelona) (rappreżentanti: inizjalment minn L. Cases Pallarès, J. Buendía Sierra, N. Ruiz García, A. Lamadrid de Pablo, M. Muñoz de Juan u M. Reverter Baquer, sussegwentement minn L. Cases Pallarès, J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo u M. Reverter Baquer, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* SES Astra (Betzdorf, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: F. González Díaz, F. Salerno u V. Romero Algarra, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/489/UE, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.28599 (C 23/10 (ex NN 36/10, ex CP 163/09)) implimentata mir-Renju ta' Spanja għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ('il barra minn Castilla-La Mancha) (ĠU L 217, p. 52).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Abertis Telecom, SA u Retevisión I, SA għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn SES Astra.

<sup>(1)</sup> ĠU C 352, 30.11.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Diċembru 2015 – European Dynamics Luxembourg u Evropaïki Dynamiki vs Impriża Konġunta Fusion for Energy**

(Kawża T-553/13) <sup>(1)</sup>

[“*Kuntratti pubbliċi ta’ servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offeriti — Provvista ta’ servizzi ta’ teknoloġija tal-informatika, ta’ konsulenza, ta’ żvilupp ta’ softwer, tal-internet u ta’ appoġġ — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent u għoti tal-kuntratt lil offerenti oħra — Responsabbiltà mhux kuntrattwali*”]

(2016/C 027/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* European Dynamics Luxembourg SA (Ettelbrück, il-Lussemburgu) u Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: D. Mabger u I. Ampazis, avukati)